MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 748/2004

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
JOHN POLIDANO
VERONIQUE BORG COSTANZI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, John Polidano, ta' 38 sena, bin Rosario u Josephine nee' Mangion, imwieled Pieta', fid-29 ta' Lulju 1965, residenti fl-indirizz: 47 Triq id-Duluri, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 360965(M). Veronique Borg Costanzi, ta' 41 sena, bint Victor u Maria Carmela nee' Dingli, imwielda Floriana fl-10 ta' Jannar 1963, residenti fl-indirizz: "Michela", Triq il-Bajja San George, San Giljan u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' 32264(M).

<u>Illi huma akkuzati</u>:

1. Talli fil-15 ta' Frar 2004 u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
2. Talli fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2:00p.m. fil-Qawra ikkommettew serq ta' kartiera, karta ta' l-identita' numru 99381(M), licenza tas-sewqan, VISA Card, HSBC Quickcash card, u telephone cellulari ta' l-ghamla NOKIA 3310 ghad-detriment ta' Ismael Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
3. Talli fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2:30p.m., fil-Qawra, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga ohra b'ohra sabiex igieghelu jitwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm600 bi hsara ta' Ismael Vella, HSBC bank u ohrajn;
4. Talli fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2:30p.m., fil-Qawra, bi hsara ta' Ismael Vella, HSBC bank u ohrajn, ghamlu qliegh b'qerq ta' Lm600;
5. Talli fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2:30p.m., fil-Qawra, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.
6. Talli fit-28 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-2:30p.m., fil-Qawra, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija qabel dan;
7. Talli ghal habta ta' nofs Novembru 2003, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' kartiera, Lm250, karta ta' l-identita', licenza tas-sewqan, u telephone cellulari tal-marka Motorola li jiswa madwar Lm150, ghad-detriment ta' Noel Cefai, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Talli fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12:44p.m., fil-Belt Valletta, bi hsara tas-socjeta’ HSBC, ghamlu qliegh b’qerq ta’ Lm235;
9. Talli fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12:44p.m., fil-Belt Valletta, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, u cioe cekk HSBC 2495 ghal valur ta’ Lm235 data 29/01/2004, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
10. Talli fid-29 ta’ Jannar 2004, ghal habta ta’ 12:44p.m., fil-Belt Valletta, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe HSBC 2495 ghal valur ta’ Lm155 datat 28/01/2004;
11. Talli fid-29 ta’ Jannar 2004 f’Santa Venera, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb u taw bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, attentaw jaghmlu qliegh ta’ Lm235 bi hsara tas-socjeta HSBC liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;
12. Talli fit-30 ta’ Jannar 2004 ghal habta ta’ 12:44p.m., fil-Belt Valletta, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghelu jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ Lm235 bi hsara tas-socjeta’ HSBC;
13. Talli fil-5 ta’ Frar 2004 u fil-granet ta’ qabel, f’Tas-Sliema, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet fooz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq

iehor, ngann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm240 bi hsara ta' Mario Borg;

14. Talli fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, bi hsara ta' Mario Borg, ghamlu qliegh b'qerq ta' Lm240;

15. Talli fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe cekk HSBC 2488 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm185 datat 28/01/2004, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

16. Talli fil-5 ta' Frar 2004 u fil-granet ta' qabel, f'Tas-Sliema, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe HSBC 2488 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm155 datat 28/01/2004 u cekk HSBC 2493 ghal valur ta' Lm185 datat 28/01/2004;

17. Talli fis-7 ta' Frar 2004, fil-Belt Valletta, ikkommettew serq ta' kartiera, Lm90 fi flus kontanti, karta ta' l-identita' numru 27954(M), licenza tas-sewqan, Credit Cards, stereo ta' valur ta' anqas minn Lm100 u tlett cekkijiet vojta ghad detriment ta' Joseph Magro, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

18. Talli fid-9 ta' Frar 2004, f'San Giljan, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm225 bi hsara tas-socjeta' Bonello Petrol Station Ltd.;

19. Talli fid-9 ta' Frar 2004, f'San Giljan ghal habta tas-2:30p.m., fil-Qawra, bi hsara tas-socjeta' Bonello Petrol Station Ltd., ghamlu qliegh b'qerq ta' Lm225;
20. Talli fil-9 ta' Frar 2004, f'San Giljan, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioe cekk BOV 659 ghal valur ta' 225 datat 29/02/2004, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
21. Talli fil-9 ta' Frar 2004 f'San Giljan, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe BOV 659 ghal valur ta' 225 datat 9/02/2004;
22. Talli fis-15 ta' Frar 2004, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistaw b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

<u>Lil John Polidano wahdu</u>:

23. Talli b'hekk kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Jannar 2004;
24. Kif ukoll sar recediv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal ta’ l-14 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Spettur Cordina xehed (a fol.21) li kienu saru rapporti minn Albert Sammut, Mario Vassallo u Joseph Cardona in raprezentanza tal-kumpanija EDL Ltd. li gew mistoqsija mill-Bank taghhom dwar cekk 2488 fl-ammont ta’ Lm155 stante’ li l-persuna li pprezentat dan ic-cekk telaq mill-Bank waqt li l-Ufficjali tal-Bank kienu qed jaghmlu verifiki fuq ic-cekk. L-Ufficjal ta’ l-HSBC regghu kkuntatjaw lil Sammut, Vassallo u Cardona, l-ghada ghal verifiki fuq cekk iehor, din id-darba minn Mario Borg li ddepozita l-istess fil-Bank Of Valletta. Dawn iz-zewg *cheques*, skond Vassallo, Sammut u Cardona, kienu tnejn minn tlieta li kienu gew misruqa bl-istubb b’kollox minn *cheque book* tal-kumpanija taghhom. Ic-*cheques* kienu ffirmati bl-isem ta’ Ismael Vella u l-firma tal-firmatarju Sammut kienet falsifikata.

Ismael Vella u Mario Borg gew investigati mill-Ufficjal Prosekutur.

Ismael Vella nforma lill-Ufficjal Prosekutur u fit-28 ta’ Ottubru 2003, ghamel rapport l-Ghassa tal-Qawra li kienu nsterqulu kartiera, ID card, HSBC Visa Card u *mobile* Nokia 3310. Vella kkonferma li qatt ma ra jew ffirma dawn ic-*cheques*. Xehed li fit-28 ta’ Ottubru 2003, persuna nnotta, kien ghamel diversi xirjiet minn hwienet fil-Qawra ammontanti ghal Lm600 fuq il-Visa Card tieghu. Dan gie pienament ikkonfermat minn Ismael Vella fix-xhieda tieghu (a fol.108 et seq.)

Mario Borg, mitkellem mill-Ufficjal Prosekutur infurmah li kellu hanut tax-xorb, Amy’s Bar. Kien ircieva *cheque* minn Antoine Debattista, klijent tieghu, u kien ddecieda li jsarrafulu; imbaghad ddepozita c-*cheque* fl-akkont tieghu. Borg xehed li dan kien it-tieni *cheque* li kien sarraflu. Mario Borg ikkonferma dana kollu fix-xhieda tieghu (a fol.37 et seq.)

L-Ufficjal Prosekutur acceda fis-SRT Office ta’ l-HSBC u ra il-*video footage* tal-persuna li sarraf ic-*cheque* 2488 fil-Branka ta’ Santa Venera fid-29 ta’ Jannar 2010, u c-*cheque* 2495 li ssarraf mill-Branka ta’ Triq Merkanti il-Belt. Dan ix-xbieghi kienu mxebhin ma’ l-imputat Polidano.

Spettur Cordina kellem lil Antoine Debattista u dan qallu li waqt li kien f’Amy’s Bar, kienu dahlu koppja u li Debattista kien jaf lill-imputata u li dawn talbuh jsarrafilhom *cheque* ghaliex il-Bank kien lahaq ghalaq. Din il-grajja regghet rripetiet anka gimgha wara fl-istess Bar.

L-imputata, fl-istqarrija taghha, ghazlet li ma tirrispondix ghal diversi domandi, qalet li Antoine Debattista ma kienx bniedem affidabbli, li ma kinitx marret l-HSBC u, jekk dahlet, ma dahlitx ghal bzonnijiet taghha u li ma kinitx ser tikkommenta fuq haddiehor. L-istqarrija taghha giet ezebita Dok.JC (a fol.27 et seq.)

John Polidano, fl-istqarrija tieghu, ghazel li ma jirrispondix ebda domanda li saritlu. (Ara Dok.JC1 – fol.29 et seq.)

Giet ezebita Dok.JC2; ircevuta ta’ zewg *mobiles*, *writing pad, envelope* u zewg *Sim cards*.

A fol.32, Paul Gambina, Manager Legal Office Bank Of Valletta, ezebixxa *cheque number* 659 datat 9 ta’ Frar 2004 – Dok.PG, addebitat fl-akkont ta’ Joseph Magro f’ammont ta’ Lm225, liema somma giet kreditata lilu ghaliex il-firem ma qablux. Joseph Magro ma sofriex danni (ara Dok.PG1 a fol.35)

Mario Borg (a fol.37 u 38) ikkonferma illi c-*cheques* li sarraf lil Antoine Debattista li ma gewx onorati mill-Bank, kienu ta' Lm185 u Lm165 u li huwa baqa ma thallasx.

Antoine Debattista kkonferma illi c-*cheques* fuq imsemmija gew mghoddija lilu mill-imputat Polidano. Ftit wara jghid li kienu z-zewg imputati, u finalment ammetta li ghandu procedura kriminali ghal traffikar tad-drogi u ghazel li ma jirrispondix aktar domandi.

WPC 249 ikkonfermat l-istqarrija Dok.JC

Joseph Magro (a fol.63) xehed li kienu serqulu xi affarijiet mill-karozza tieghu fi Frar 2004, inkluz xi erba' (4) *cheques* vojta u li ghalhekk huwa rraporta lil Bank. Wiehed minn dawn ic-*cheques* gew imsarrfa go Petrol Station. Sar attentat biex jissarraf f'Bank il-Belt, pero' c-*cheque* ma ssarrafx. Magro ma soffriex danni ghal rigward ta' *cheques* izda fis-serqa ttiehdu Lm90 f'*cash*, u *stereo* li jiswa Lm50.

Patric Gauci, Ufficjal HSBC, ikkonferma li Ismael Vella kien irraporta serq tal-Visa Card u kienu saru tlett (3) transazzjonijiet fuq l-istess Visa Card u dawn id-danni kienu gew sofferti mill-hwienet, fosthom l-Ascot (vide dokumenti HSBC 1, 2, 3, 4)

Mario Bartolo (a fol.71) ipprezenta CCTV *footage* ta' l-HSBC Santa Venera Branch tat-30 ta' Jannar 2004 u Merchant Street datat 29 ta' Jannar 2004.

Gie ezebit CD (Dok.X) gew ezebiti seba' (7) stills immarkati X1 – X7 rigwardanti HSBC Santa Venera, li Y1 sa Y4 immagni ohra tal-Branka tal-Bank, f'Merchant Street, Valletta.

Ic-*cheque images* gew ezebiti bhala Dok.W1 – 3.

Rita Waering xehedet illi hija ghandha Petrol Station St.Indrija, St, Andrews u gie ragel li talabha ssarraflu *cheque.* Dan ir-ragel kien qieghed ma tfajla (l-imputata), li Waering kienet taf u ghadaqstant sarfitu. Waering ma

kinitx taf l-ammont ta’ *cheque*, pero’ din ma giex onorat mill-Bank. Waering xehedet li hija kitbet il-kunjom tat-tfajla fuq ic-*cheque* u li dan kien madwar Lm200. Qalet li r-ragel qalilha li c-*cheque* kien ta’ l-imghallem tieghu u nizzel l-ID card number tieghu. Wara kienet thallset mill-familja ta’ l-imputata.

Ismael Vella (fol.108) ikkonferma x-xhieda tieghu u cioe s-serqa mill-*van* tieghu ta’ flus, *mobile*, Visa Card u ID card u li sakemm rraporta lil Bank, kien gia saru xi transazzjonijiet fuq il-card. Vella xehed li gie re-imborsat mill-Bank. Kienu gew misruqa ammont ta’ *cheques* li uhud minnhom gew imsarrfa – *approx.* Lm700, tant li kellu jghalaq l-akkont. Il-*mobile* kien jiswa Lm40. Innega li c-*cheques* (W1 – 3) kienu mahrugin minnu jew miktuba minnhom.

Lilian Sant (a fol.115) ikkonfermat l-ircevuta tal-hanut taghha, Urban Jungle, Bugibba (a fol.69) pero’ ma gharfet lil hadd u qalet li t-transazzjoni ma sehhietx.

SM 614 Saviour Garcia ezebixxa okkorrenza datata 28 ta’ Ottubru 2003 (bhala Dok.MM) u cioe serqa minn *van* Toyota, bin-numru ta’ registrazzjoni KBE 489 ta’ Credit Cards, ID Cards, *wallet* u *mobile*.

PS 147, Stephen Tarpey ezebixxa okkorrenza (Dok.PS a fol. 164) ta’ oggetti mill-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni BAR 332, fosthom Lm90 *cash* Credit Cards, ID Cards u *Driving License.*

Fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2009 Il-Prosekuzjoni rrinunzjat ghax-xhud Noel Cefai.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux.

Raymond Grech, prodott mill-imputata, ikkonferma l-fatt li l-imputata ghamlet Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga sal-finalita’ tieghu u dana b’success u illi hija kienet sabet impjieg regolari u baqghet f’kuntatt  kontinwu mas-Sedqa.

PS 211, Richard Zammit, prodott mill-imputat Polidano, xehed illi s-sentenza sospiza ta’ tlettax (13)-il xahar, deciza fit-13 ta’ Jannar 2004, ma giex resa operattiva imma giet estiza mill-Magistrat Grixti ghal sentejn ohra permezz tas-sentenza tieghu datata 3 ta’ Settembru 2007.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta abbastanza car illi l-imputat Polidano kellu fil-pussess tieghu l-res furtiva mitt-tlett (3) serqiet u ghamel uzu mic-*cheques* misruqa u mill-Visa Cards fi zmien qasir hafna wara s-serqiet meritu ta’ l-akkuza, infatti, ghal rigward ta’ l-uzu tal-Visa Cards, dan sar b’mod kwazi mmedjat u **qabel** ma induna s-sid u kellu cans jcempel lill-Bank tieghu.

Il-Gurisprudenza Nostrali abbracciat id-dotrina Ingliza li tirrigward il-kuncett ta’ *“recent possession”* kemm ghal dak li jirrigwarda akkuzi ta’ serq kif ukoll ghal akkuzi ta’ ricettazzjoni. L-import ta’ din id-dottrina hija enuncjata fis-sentenza ta’ l-Appell Kriminali per Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D. fl-ismijiet **Pulizija vs. Emanuel Seisun u Puis sive Pio Micallef**:

*“There appears to have been widespread misundestanding of the so-called doctrine of recent possession. The “rule” (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: see* ***R. vs Loughlin,*** *35 Cr. App.R.65;* ***R. vs Seymour****, 38 Cr.App.R.68. This of course applies equally to thefts other then in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. vs Smythe****, 72.Cr.App.R.8C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* <u>*Cross on Evidence*</u>*,*

5th ed., p.49 (now 8th ed.p.35): *"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);*

*U aktar 'il quddiem jinghad:*

*What constitues “recent possession” depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case...In* ***R vs. Smythe****…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal’s judgement said: “Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence.” (para.21-320)”*

Illi fid-dawl ta’ dak li rriteniet il-Qorti Kriminali, u fin-nuqqas ta’ xhieda ta’ l-imputat fl-istqarrija tieghu u quddiem din il-Qorti biex, b’xi mod, jispjega kif ic-*cheques* u il-Visa Cards gew f’idejh, u fid-dawl tal-*footage* tas-CCTV li juri fattizzi partikolari tieghu fil-Banek, b’mod inekwivoku (ara Dok.X1 a fol.75), din il-Qorti, legalment u ragonevolment, hija intitolata illi issib illi l-imputat kien involut fis-serqiet tac-*cheques* u tal-Visa Cards meta rinfaccjata bl-uzu, kwazi mmedjat, da parti ta’ l-imputat. Ghalhekk issib htija fl-imputat ghas-serqiet li bihom jinstab mixli ghajr ghall-akkuza numru 7 illi l-provi juru biss rapport tal-Pulizija.

Bl-istess mod, ix-xhieda ta’ Antoine Debattista u ta’ Mario Borg, flimkien ma’ dik ta’ Waering, ma halla ebda dubbju dettat mir-raguni illi kien l-imputat li ffalsifika il-kitba u l-firma firmatarju fuq ic-*cheques* meritu ta’ l-akkuza kif ukoll li ghamel uzu ta’ l-istess *cheques* foloz, a detriment ta’ terzi.

Il-Qorti pero’, fir-rigward ta’ akkuza tal-messa in scena (akkuza 3, 11, 13 u 18) ma tistghax, fid-dawl ta’ sejba ta’ htija f’serq, ssib ukoll htija ghal dawn l-akkuzi.

Di piu’, lanqas ma tista ssib htija fir-rigward ta’ ricettazzjoni meta ssib htija ghas-serq ghaliex dik ta’ l-ewwel hija alternattiva ghat-tieni. Ghalhekk lanqas ma tista’ ssib htija ghal rigward ta’ l-akkuza 22.

Ghal rigward ta’ l-akkuzi fil-konfront ta’ serq, a detriment ta’ Noel Cefai, cioe s-7 akkuza, din il-Qorti ghadha biss ir-rapport tal-Pulizija ghaliex Cefai qatt ma deher biex jaghti t-testimonjanza tieghu u l-Prosekuzzjoni rrinunzjaw ghalih. Ghalhekk il-Qorti ma tistghax ssib htija fl-imputat fis-7 akkuza.

Ghal rigward ta’ l-akkuza ta’ ricediva u ta’ ksur ta’ sentenza sospiza u cioe dik tat-13 ta’ Jannar 2004, il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni ma ezebew ebda sentenza u ma saret ebda eventwali konferma ta’ identita’ ta’ l-imputat. Kien xehed biss Surgent Richard Zammit **prodott mid-Difiza** sabiex jigi accertat jekk din is-sentenza gietx resa operattiva minn xi Qorti ohra u ezebixxa kopja informali ta’ din is-sentenza. Dan b’ebda mod ma jista’ jissarraf ghal prova da parti tal-Prosekuzzjoni ta’ ricediva jew prova ta’ identita’ kif trid il-Ligi, f’mankanza ta’ sentenza formali, ezebita in atti, u ta’ xhieda ta’ identita’ skond il-Ligi.

Il-Qorti sejra tezamina il-partecipazzjoni o meno ta’ l-imputata fit-tnejn u ghoxrin-il akkuza li bihom giet mixlija u tiddikjara, f’dan l-istadju, li l-provi fir-rigward taghha huma fjakki u kwazi ineziztenti.

Fl-istqarrija taghha, kif l-imsejjha “Regina tal-provi” l-imputata tinnega, kull forma ta’ *wrong doing*. L-unika prova kontra l-imputata hija dik prodotta minn Waering li taghraf lill-imputata bhala l-persuna li kienet taf u li sarrfet ic-*cheque* biss minhabba dan l-istat ta’ fatt. Illi, di piu’, l-imputata u l-familja taghha, ghamlu tajjeb billi hallsu lil Waering.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni permezz ta’ xhieda ta’ Debattista, mhijiex affidabbli, stante’ illi dan ix-xhud ma nstabx li kien kredibbli minhabba inkonsistenzi gravi fit-testimonjanzi tieghu: dana il-ghaliex l-ewwel jghid li c-*cheque* gie mghoti minn Polidano; imbaghad jghid li l-imputata kienet mieghu; u sussegwentement jerga’ jghid li kien Polidano li talbu jsarraflu c-*cheque;* imbaghad jaghzel li ma jixhidx aktar sabiex ma jinkriminax ruhu.

Di piu’, l-*images* Y1 u Y2 ma humiex cari bizzejjed sabiex il-Qorti jkollha il-konvinciment morali rikjest li l-*images* verament juru l-prezenza ta’ l-imputata.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat rigwardanti uzu ta’ *cheque* falsifikat u cioe il-21-il akkuza.

Il-Qorti rat illi l-fedina penali ta’ l-imputata Veronique Borg Costanzi, hija wahda nadifa tazza; l-istess, pero’, ma jistghax jinghad ghal dik ta’ l-imputat Polidano.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat John Polidano, hati tat- 2, 4, 5, 6, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 15, 16, 17, 19, 20, 21.

Mhux hati ta’ l- 1, 3, 7, 13, 18, 22, 23, li minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikoli 17 u 18, 41, 183, 184, 261, 263, 267, 271, 279 tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata stante sensiela ta’ serq u falsifikazzjoni li wettaq l-imputat u l-fatt li fid-dawl tal-fedina penali, l-Qorti ma tistghax in koxjenza titratta mieghu bhala *a first offender*.

Ghal rigward ta’ l-imputata Veronique Borg Costanzi, il-Qorti ssibha hatja biss ta’ l-akkuzi 21 u tilliberaha mill-akkuza l-ohra dedotti kontra taghha u wara li rat Artikoli 184, 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ta’ tmintax(18)-il xahar, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fedina penali nadifa ta’ l-imputata, il-fatt li segwiet Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga, ghandha mpjieg u l-fatt li rrestitwiet dak kollu dovut fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------